MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Numru 489/2007

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa)
vs
Duncan Buttigieg, iben Mary, imwieled Pieta' fit-3 ta' mejju, 1983

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fit-2 ta' ottubru, 2006, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kien ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli,

dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;
3. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat;
4. talli kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta meta kkometta reat ieħor wara li ngħatat sentenza fejn ġie liberat taħt kondizzjoni li ma tikkomettiex reat ieħor fi żmien tlett snin, liema sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-14 ta' diċembru, 2005.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna l-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-20 ta' mejju, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lil-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Tikkundannah ukoll għal ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------